**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 8 – IT-TNEJN, 14 TA' OTTUBRU 2019 FIL-5.35PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier (6.50pm) |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 7

1.1 Dwar paragrafu 6.4 għandha tidħol u "l-Irxoxt".

## 2 Punti mtella mill-Minuti 7

2.1 Dwar paragrafu 6.6, is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li kien hemm minn qala' din it-tabella imma reġgħet twaħħlet.

2.2 Dwar paragrafu 6.3, is-Sur David Dalli nforma lill-Kunsill il-marki tat-toroq saru.

2.3 Dwar paragrafu 6.2, is-Sur Joe Aquilina ddikjara li hu ma jaqbilx mal-pożizzjoni li ħa l-Kunsill dwar l-iżvillup propost li hemm fi Triq is-Santwarju.

2.4 Dwar paragrafu 6.5, is-Sur Joe Aquilina staqsa dwar il-Public Domain status ta' Wied Għomor.

## 3 Pagamenti Numru 7

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku ressaq proposti biex il-Kunsill japplika għal fondi tal-LESA. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Is-Sindku ressaq proposta biex tiġi embellished Triq iż-Żebbuġ. Din l-embellishment tinkludi mhux biss li tiġi rranġata l-bankina, imma li jitneħħew is-siġar invasivi u jitħawwlu siġar imdemiċi fuq in-naħa ta' ġewwa u l-bankina issir fuq barra. Kien hemm qbil ukoll li jsir embellishment fi Triq iċ-Ċawsli wara l-ġibjun. Għandha ssir laqgħa ma’ Perit biex issir pjanta.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil unanimu, dwar talba mill-Kummissjoni Missjoni San Ġwann, biex il-Kunsill jipprovdi xi prodotti għall-attività tagħhom.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar ittra li waslet il-Kunsill minn residenti li joqogħdu fil-viċinanzi ta' Ġnien Ġorġ Zarb. Kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit biex jistgħu jitkellmu xi residenti li kien hemm preżenti.

Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.10pm.

5.2.1 Fis-6.20pm il-laqgħa reġgħet tkompliet fejn ġew innutati l-punti li kien hemm.

5.3 Kien hemm qbil li jerġgħu jibdew il-keepfit classes fl-iskola. Dawn isiru bla ħlas għar-residenti.

5.4 Kien hemm qbil li tiġi aċċetta l-quotation biex issir gate fi Ġnien Ta' Żwejt hekk kif ġie rrakkomondat fir-rapport tal-Health and Safety.

5.5 Kien hemm qbil li l-injections tal-influenza jingħataw bejn it-28 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2019. Kien hemm qbil li tiġi ngaġġata nurse biex tamministra dawn l-injections.

5.6 Kien hemm qbil li ssir website ġdida għall-Kunsill u jitqabbad xi hadd professjonali.

5.7 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva protesta ġudizjarju, flimkien mal-AKL u l-Kunsilli kollha dwar il-Bus Shelters.

5.8 Kien hemm qbil unanimu l-Ħuġġieġa ta' Diċembru terġa’ toħroġ stampata u mqassma mal-lokal kollu. Din ser tkun l-aħħar edizzjoni stampata u mqassma door to door.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sinjura Joan Farrugia rrimarkat li qed ikun hemm numru ta' lmenti dwar il-ġbir ta' skart domestiku. Għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur. Hi lmentat ukoll li l-ġbir tal-ħġieġ mill-bins qed isiru kmieni. Għandha ssir komunikazzjoni biex dawn jitbattlu f'ħinijiet diċenti.

6.2 Is-Sur Dominic Cassar talab biex isiru żewġ bozoz ġodda, waħda fi Triq in-Naxxar u l-oħra fi Triq G. Gianni. Kien hemm qbil. Hu lmenta li hemm bżonn ta’ xi patching fi Triq il-Pitiross. Kien hemm qbil ukoll li jiġu rranġati is-siġar tal-Milied li ġarrbu ħsarat fil-maltemp is-sena l-oħra.

6.3 Is-Sur David Dalli talab biex jiġu refreshed il-markings fi Triq Massabielle u jsir patching fi Triq San Ġiljan kif ukoll żbir ta' siġar. Għandha ssir tabella ta' isem tat-Triq is-Summien, kif ukoll jiċċaqlaq arblu ta' tabella quddiem il-Maypole. Hu lmenta wkoll li z-zebra crossing ta' Triq Bella Vista kantuniera ma’ Triq San Gużepp qed tkun bla dawl.

6.4 Is-Sur Joe Aquilina imenta li l-culvert ta' Triq il-Baħar l-Iswed għandu bżonn jitnaddaf.

6.5 Is-Sinjura Violet Bajada lmentat li z-zebra crossing ta' Triq is-Santwarju għandha bżonn refreshing, kif ukoll hemm tabella bl-arblu mgħawweġ fi Triq Mons Debono.

6.6 Is-Sinjura Tania Borg talbet biex il-bandla tal-persuni bi bżonnijiet speċjali tkun miftuħa, talbet biex tinxtara magna tal-kafe u printer bluetooth għall-użu tal-kunsilliera. Kien hemm qbil.

6.7 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex issir kaxxa tal-parkeġġ fuq bankina wiesa fi Triq iċ-Ċedru. Ma kien hemm qbil fuq din. Hu talab ukoll biex tiġi rranġata l-bankina quddiem Ġnien Karin Grech. Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li hemm kulvert u dan m’għandux jingħalaq. Kien hemm qbil li din il-bankina tiġi rranġata u l-kulvert jibqa’ miftuħ.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**